Is-Sebgħa u Għoxrin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

Qari I

Isiru ġisem wieħed.

Ġen 2, 18-24

Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi

18 Il-Mulej Alla qal: «Mhux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu.
Ħa nagħmillu għajnuna tgħodd għalih.»

19 U l-Mulej Alla sawwar mill-art annimali selvaggi u t-tajr kollu
tal-ajru, u ġiebhom quddiem il-bniedem biex jara xi jsemmihom; u
skont ma jkun il-bniedem semma lil kull ħliqa ħajja, dak ikun isimha.
20 U l-bniedem ta isem lil kull bhima u 'l kull tajra tal-ajru, u 'l kull
annimal selvaġġ; imma għall-bniedem ma nstabet ebda għajnuna
tgħodd għalih.

21 U l-Mulej Alla tefa' nagħsa tqila fuq il-bniedem; u dan raqad.
U ħadlu waħda minn kustiljih u flokha mlieh bil-laħam. 22 U l-Mulej
Alla sawwar il-kustilja, li kien ħa mill-bniedem, f'mara u ġiebha
lill-bniedem.

23 Imbagħad il-bniedem qal:
«Din id-darba din hi għadma minn għadmi,
u laħam minn laħmi, għalhekk tissejjaħ mara,
għax mir-raġel ittieħdet hi.»
24 Għalhekk ir-ragel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma'
martu u jsiru ġisem wieħed.

Il-Kelma tal-Mulej
℟. Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali

Salm 127 (128), 1-2.3.4-5.6

R/. (ara 5): Iberikna l-Mulej il-jiem kollha ta' ħajjitna

1Hieni kull min jibża' mill-Mulej,
kull min jimxi fit-triqat tiegħu!
2Mix-xogħol ta' idejk inti tiekol;
hieni int, u riżqek tajjeb! R/.

3Martek tkun bħal dielja għammiela
fl-irkejjen ta' darek;
uliedek bħal xitel taż-żebbuġ
madwar il-mejda tiegħek. R/.

4Ara, kif ikun imbierek
il-bniedem li jibża' mill-Mulej!
5Ibierkek il-Mulej minn Sijon! R/.

Jalla tara l-ġid ta' Ġerusalemm
tul ħajtek kollha!
6Jalla tara wlied uliedek!
Sliem għal Iżrael! R/.

Qari II

Kemm dak li jqaddes, u kemm dawk li jiġu mqaddsin,
ilkoll huma mill-istess wieħed.

Lhud 2, 9-11

Qari mill-Ittra lil-Lhud

Ħuti, [9]lil dak li għal ftit taż-żmien kien imniżżel ftit inqas
mill-anġli, lil Ġesù, aħna issa qegħdin narawh imżejjen fil-glorja
u l-ġieħ minħabba fil-mewt li hu bata, biex, għall-grazzja ta' Alla,
il-mewt li daq tkun għall-ġid ta' kulħadd.

[10]Għax kien jixraq li Alla, li għalih u bih sar kollox, waqt li jwassal
ħafna wlied għall-glorja, jagħmel li l-Awtur tas-salvazzjoni tagħhom
ikun perfett bis-saħħa tas-sofferenzi.

[11]Għax kemm dak li jqaddes, u kemm dawk li jiġu mqaddsin, ilkoll
huma mill-istess wieħed. U għalhekk Ġesù ma jistħix isejħilhom
ħutu.

Il-Kelma tal-Mulej
℟. Irroddu ħajr lil Alla

Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

1 Ġw 4, 12

Hallelujah. ℟. Hallelujah
Lil Alla għadu ħadd ma rah,
imma jekk inħobbu 'l xulxin hu jgħammar fina,
u mħabbtu ssib il-milja tagħha fina.
℟. Hallelujah

Evanġelju

Dak li għaqqad Alla, ma għandux jifirdu l-bniedem.

Mk 10, 2-16

Qari mill-Evanġelju skont San Mark

F'dak iż-żmien, [2]resqu xi Fariżej lejn Ġesù u biex iġarrbuh staqsewh jekk raġel jistax jitlaq lil martu. [3]Weġibhom u qal: «X'ordnalkom Mosè?» [4]Qalulu: «Mosè ta l-permess li wieħed jagħmel il-kitba tad-divorzju, u jibgħatha.» [5]Imbagħad weġibhom Ġesù: «Minħabba l-ebusija ta' qalbkom kitbilkom dan l-ordni. [6]Iżda sa mill-bidu tal-ħolqien Alla għamilhom raġel u mara.

[7]Għalhekk mela raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu, [8]u t-tnejn isiru ġisem wieħed. Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed. [9]Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem.»

[10]Xħin daħlu d-dar id-dixxipli reġgħu staqsewh fuq dan, [11]u hu qalilhom: «Min jitlaq lil martu u jiżżewweġ oħra jkun ħati ta' adulterju kontra l-ewwel waħda; [12]u jekk mara titlaq lil żewġha u tiżżewweġ ieħor tkun ħatja ta' adulterju.»

[13]Ġibulu quddiemu xi tfal ċkejknin biex iberikhom, iżda d-dixxipli tiegħu qabdu jgħajtu magħhom. [14]Ġesù, meta ra hekk, inkorla u qalilhom: «Ħalluhom it-tfal żgħar jiġu għandi; iżżommuhomx, għax ta' min hu bħalhom hija s-Saltna ta' Alla. [15]Tassew ngħidilkom, li min is-Saltna ta' Alla ma jilqagħhiex bħal tifel ċkejken ma jidħolx fiha.» [16]Imbagħad ħaddanhom miegħu u qiegħed idejh fuqhom u berikhom.

Il-Kelma tal-Mulej

R/. Tifħir lilek Kristu